I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL–KUNSILL

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**tal-24 ta' Novembru 2020**

**dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza**

(2020/C 417/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 166 u 165 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([1]) tirrikonoxxi l-edukazzjoni u l-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali u kontinwu bħala dritt fundamentali, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti jipprevedu li sal-2030 ikun hemm aċċess ugwali għan-nisa u għall-irġiel kollha għall-edukazzjoni teknika, vokazzjonali u terzjarja kif ukoll għall-università bi prezz raġonevoli u ta' kwalità, u żieda sostanzjali fin-numru ta' żgħażagħ u adulti li jkollhom ħiliet rilevanti, inkluż ħiliet tekniċi u vokazzjonali, għall-impjieg, għall-impjiegi deċenti u għall-intraprenditorija.

(2) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([2]), li ġie pproklamat fis-17 ta' Novembru 2017 jistabbilixxi għadd ta' prinċipji li jappoġġaw swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw sew, li jinkludu l-Prinċipju 1 dwar id-dritt għal edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, għal taħriġ u apprendiment tul il-ħajja, u l-Prinċipju 4 dwar l-appoġġ attiv għall-impjieg.

(3) L-edukazzjoni vokazzjonali u s-sistemi ta' taħriġ ta' kwalità għolja u innovattivi jipprovdu lin-nies bil-ħiliet għal xogħol, żvilupp personali u ċittadinanza, li jgħinuhom jaddattaw għat-trażizzjonijiet diġitali u ekonoloġiċi tewmin u jwettquhom, sabiex ikampaw mas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ma' skossi ekonomiċi, filwaqt li jappoġġaw ukoll it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali. Għaldaqstant jipprovdulhom ħiliet li jgħinuhom jiksbu l-impjiegi mitluba fis-suq tax-xogħol jew li joħolquhom.

(4) Kif stabbilit fl-Artikolu 145 TFUE, politiki effettivi dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma essenzjali wkoll biex jintlaħaq l-għan li tiġi promossa forza tax-xogħol b'ħiliet, imħarrġa u adattabbli u swieq tax-xogħol li jirreaġixxu f'waqthom għall-bidla ekonomika.

---

([1]) ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.
([2]) Dok. 13129/17.

(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-"Patt Ekoloġiku Ewropew" ([3]) hi l-istrateġija l-ġdida tal-Ewropa għat-tkabbir li għandha l-għan tbiddel l-ekonomija u s-soċjetà tagħha u tqiegħedhom fi triq aktar sostenibbli. L-iskejjel, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ u l-universitajiet jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jinvolvu l-iskulari, il-ġenituri, in-negozji u l-komunità b'mod ġenerali fil-bidliet meħtieġa għal tranżizzjoni b'suċċess. Hemm bżonn ta' ħiliet proattivi ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet biex jaħsdu l-benefiċċji tat-tranżizzjoni ekoloġika.

(6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Ewropa soċjali b'saħħitha għal tranżizzjonijiet ġusti" ([4]) tenfasizza l-ħtieġa li niffukaw fuq il-ħiliet, l-impjegabbiltà u l-kapital uman permezz ta' Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza ([5]), akkumpanjata minn proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Il-Komunikazzjoni tħabbar ukoll ħidma ulterjuri dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u qafas ġdid ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ mal-Istati Membri.

(7) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa ([6]) tappella għal azzjoni deċiżiva sabiex l-apprendiment tul il-ħajja jsir realtà għal kulħadd u jiġi ggarantit li l-edukazzjoni u t-taħriġ iżommu mal-pass tat-tranżizzjonijiet tewmin. Tappella wkoll sabiex l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għolja jipprovdu aktar xjentisti, inġiniera u tekniċi għas-suq tax-xogħol. Il-Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari ([7]) u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 ([8]) jenfasizzaw ir-rwol kruċjali tal-ħiliet fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u nadifa.

(8) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali ([9]) tenfasizza li d-disponibbiltà ta' persunal b'ħiliet speċjalizzati jew ta' maniġers b'esperjenza saret l-aktar problema importanti għal kwart mill-kumpanniji mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) tal-UE u li n-nuqqas ta' impjegati b'ħiliet speċjalizzati hu l-akbar ostaklu għall-investiment il-ġdid mal-UE kollha. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma partikolarment rilevanti għall-SMEs biex jiżguraw li l-forza tax-xogħol tagħhom għandhom il-ħiliet meħtieġa.

(9) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija dwar l-Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri 2020-2025 ([10]) tenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għan-nisa u għall-irġiel biex jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri fi professjonijiet li huma tradizzjonalment iddominati mill-irġiel jew min-nisa, biex tindirizza l-istereotipi tal-ġeneri.

(10) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-baġit tal-UE li jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa ([11]) tistabbilixxi pjan ambizzjuż u komprensiv għall-irkupru Ewropew li hu msejjes fuq Strument Ewropew ta' Rkupru ta' Emerġenza ("Next Generation EU") u qafas finanzjarju pluriennali msaħħaħ għall-2021-2027. Dan il-pjan huwa msejjes fuq is-solidarjetà u l-ġustizzja, u għandu l-għeruq tiegħu fil-prinċipji u l-valuri kondiviżi tal-Unjoni. Il-pjan jistipula kif l-ekonomija Ewropeja għandha titqajjem, kif tingħata spinta lit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u kif tista' ssir aktar ġusta, aktar reżiljenti u aktar sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri.

(11) Mill-2013 'l hawn, l-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ ([12]) għenet liż-żgħażagħ jidħlu fis-suq tax-xogħol billi offritilhom offerta ta' impjieg ta' kwalità; edukazzjoni kontinwa, apprendistati jew traineeships fi żmien erba' xhur minn mindu saru qiegħda jew li telqu mill-iskola. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kienu effettivi fit-tranżizzjoni bla intoppi lejn is-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ li kienu f'riskju li jiġu esklużi. Fil-ġejjieni, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali attraenti u rilevanti għas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari l-apprendistati jistgħu jkollhom rwol aktar b'saħħtu fl-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ sabiex jipprevjenu liż-żgħażagħ milli jisfaw qiegħda u jħejjuhom għall-opportunitajiet tal-ġejjieni tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari bħala parti mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

(12) Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) għandha l-għan li tiżgura rilevanza aħjar tas-suq tax-xogħol tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll aċċess ugwali għal opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja għal kulħadd, permezz ta' perkorsi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid.

([3]) COM(2019) 640 final.
([4]) COM(2020) 14 final.
([5]) COM(2020) 274 final.
([6]) COM(2020) 102 final.
([7]) COM(2020) 98 final.
([8]) COM(2020) 380 final.
([9]) COM(2020) 103 final.
([10]) COM(2020) 152 final.
([11]) COM(2020) 442 final.
([12]) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ (ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1).

(13) Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ”Erasmus”: il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 jipprovdi li n-natura integrata tal-programm 2014–2020 li tkopri l-apprendiment fil-kuntesti kollha - formali, mhux formali u informali, u f'kull stadju tal-ħajja - jenħtieġ li tinżamm sabiex tagħti spinta lill-modi ta' tagħlim flessibbli li jippermettu lill-individwi jiżviluppaw dawk il-kompetenzi li huma meħtieġa sabiex jiffaċċjaw l-isfidi tas-seklu wieħed u għoxrin.

(14) Din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq għadd ta' inizjattivi fil-qasam tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-ħiliet li ġew żviluppati fuq livell Ewropew, kif miġbur fil-qosor fl-Anness I u ser tikkontribwixxi għall-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, għall-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u għall-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

(15) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tissodisfa l-objettiv taż-żona Ewropea tal-Edukazzjoni li jiġi żviluppat spazju ġenwin ta' apprendiment Ewropew fejn l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja u inklussivi mhumiex imfixkla mill-fruntieri u li għandha l-għan li tneħħi x-xkiel għar-rikonoxximent ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u tal-perijodi ta' apprendiment barra minn pajjiż, u li taħdem lejn il-validazzjoni transfruntiera bla intoppi tal-eżiti tat-taħriġ u tal-apprendiment tul il-ħajja.

(16) Imsejsa fuq il-prijoritajiet ta' kooperazzjoni Ewropea msaħħa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (il-proċess ta' Copenhagen), li ġiet adottata bħala Riżoluzzjoni tal-Kunsill fid-19 ta' Diċembru 2002 ([13]), l-objettivi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja u flessibbli, u ta' mobbiltà tranżnazzjonali baqgħu fil-qalba tal-viżjoni globali għall-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ddefiniti fl-2010 mill-Ministri inkarigati fil-Komunikazzjoni ta' Bruges.

(17) Fil-konklużjonijiet ta' Riga tat-22 ta' Ġunju 2015, il-Ministri inkarigati mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali qablu dwar sett ta' prijoritajiet li jappoġġaw il-kisba ta' din il-viżjoni, kif integrat fir-Rapport Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-2015 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) ([14]) u fl-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2016 ([15]) li tat imbuttatura qawwija oħra lill-politika tal-VET tal-Unjoni b'fokalizzazzjoni akbar fuq l-attraenza u l-kwalità.

(18) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (”EQAVET”) ([16]) stipulat qafas ta' referenza li jappoġġa lill-Istati Membri fit-titjib tal-kwalità tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali tagħhom u li jikkontribwixxi għal trasparenza akbar tal-iżviluppi ta' politika fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bejn l-Istati Membri. Tul l-għaxar snin tal-implimentazzjoni tiegħu, l-EQAVET stimula riformi fis-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità nazzjonali, iżda ma kkontribwiex b'mod sinifikanti għat-titjib tat-trasparenza tal-arranġamenti tal-assigurazzjoni tal-kwalità. Barra minn hekk, dan ġie applikat fil-biċċa l-kbira għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali fl-ambitu tal-iskejjel. Għalhekk, jenħtieġ li l-qafas tal-EQAVET tal-2009 jiġi integrat f'din ir-Rakkomandazzjoni u li jinżdiedu elementi li jindirizzaw in-nuqqasijiet tal-implimentazzjoni tiegħu fir-rigward tal-kwalità tal-eżiti tal-apprendiment, taċ-ċertifikazzjoni u tal-valutazzjoni, tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, tar-rwol tal-għalliema u ta' min iħarreġ, tal-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol u tal-flessibbiltà tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Sabiex jittejjeb l-apprendiment reċiproku, tissaħħaħ it-trasparenza u l-konsistenza tal-arranġamenti ta' assigurazzjoni tal-kwalità fil-forniment tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri tal-UE, jenħtieġ li jiġu introdotti rieżamijiet bejn il-pari fil-livell tal-UE ta' assigurazzjoni tal-kwalità fil-livell tas-sistema.

(19) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (”ECVET”) ([17]) stabbiliet l-objettiv li ttejjeb ir-rikonoxximent, l-akkumulazzjoni u t-trasferiment tal-eżiti tal-apprendiment, li tappoġġa l-mobbiltà u l-apprendiment tul il-ħajja kif ukoll li tistabbilixxi sistema ta' krediti tal-UE fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Tul l-għaxar snin tal-implimentazzjoni tagħha, l-ECVET ikkontribwiet b'mod ġenerali għall-iżvilupp ta' esperjenza ta' mobbiltà ta' kwalità aħjar permezz tal-użu u tad-dokumentazzjoni ta' unitajiet tal-eżiti tal-apprendiment. Madankollu, il-kunċett tal-punti tal-ECVET b'mod ġenerali, ma ġiex applikat u l-ECVET ma wasslitx għall-iżvilupp ta' sistema Ewropea ta' krediti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni

([13]) ĠU C 13, 18.1.2003, p. 2.
([14]) ĠU C 417, 15.12.2015, p. 25.
([15]) COM(2016) 381 final.
([16]) ĠU C 155, 8.7.2009, p. 1.
([17]) ĠU C 155, 8.7.2009, p. 11.

tal-Kunsill tinkludi l-prinċipji ewlenin tal-ECVET (eż. unitajiet tal-eżiti tal-apprendiment) marbuta mal-flessibbiltà. L-għodod tal-ECVET (eż. ftehim ta' apprendiment u memorandum ta' qbil) li jappoġġaw il-mobbiltà ta' studenti vokazzjonali, għandhom jiġu żviluppati aktar fil-qafas ta' strumenti oħra tal-UE bħal dawk appoġġati mill-programm Erasmus+. Is-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti tista' tiġi applikata għall-kwalifiki vokazzjonali fil-livell postsekondarju u dak terzjarju, kif diġà qed isir.

(20) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi ([18]) tidentifika 14-il kriterju kruċjali li jenħtieġ li l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jużaw biex jiżviluppaw apprendistati ta' Kwalità u Effettivi filwaqt li jiġi żgurat kemm l-iżvilupp tal-ħiliet marbuta max-xogħol kif ukoll l-iżvilupp personali tal-apprendisti.

(21) Il-monitoraġġ tas-Cedefop tal-prijoritajiet miftehma fil-konklużjonijiet ta' Riga tat-22 ta' Ġunju 2015 juri għadd ta' oqsma fejn il-pajjiżi mxew 'il quddiem fir-rigward tal-aġenda ta' modernizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari b'rabta mal-apprendistati u mal-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, mal-assigurazzjoni tal-kwalità, mat-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' antiċipazzjoni tal-ħiliet u ta' korpi konsultattivi li jinvolvu s-sħab soċjali, maż-żieda tal-permeabbiltà u tal-flessibbiltà u dan l-aħħar saret enfasi akbar fuq il-ħiliet diġitali. Madankollu, fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali hemm il-ħtieġa li tiġi estiża u mtejba b'mod sinifikanti l-offerta ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali għaż-żgħażagħ u għall-adulti, filwaqt li tiżdied ukoll l-attraenza u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali.

(22) Bosta pajjiżi għandhom inizjattivi stabbiliti li jippromwovu l-eċċellenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u li jżewġu aħjar il-VET mal-innovazzjoni u mal-ekosistemi tal-ħiliet. Imsejsa fuq dawn l-eżempji, il-kunċett ta' Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali qiegħed jitmexxa bil-ħsieb li jsiru punti ta' referenza fuq livell dinji għat-taħriġ f'oqsma speċifiċi kemm għat-taħriġ inizjali kif ukoll għat-titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid kontinwu.

(23) Fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Ġejjieni tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, adottata f'Diċembru 2018, il-Kumitat Konsultattiv dwar it-Taħriġ Vokazzjonali ("ACVT") stabbilixxa l-viżjoni għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali eċċellenti, inklużivi u tul il-ħajja, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-ġejjieni ġġenerati minn bidliet ekonomiċi, teknoloġiċi u tas-soċjetà. Din l-Opinjoni stiednet lill-Kummissjoni biex tħejji proposta biex tissimplifika u tikkonsolida l-qafas ta' politika tal-UE għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-governanza u l-istrumenti eżistenti tagħha fis-sura ta' Rakkomandazzjoni ġenerali tal-Kunsill.

(24) Minħabba n-natura mhux vinkolanti tagħha, din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u jenħtieġ li tiġi implimentata f'konformità mal-liġi Ewropea u mal-liġi u l-prattika nazzjonali. B'mod partikolari, din ir-Rakkomandazzjoni hi mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/36/KE ([19]) kif emendata bid-Direttiva 2013/55/UE ([20]) dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-reġim ta' rikonoxximent awtomatiku previsti fiha.

B'kont meħud tad-definizzjoni li ġejja ta' "edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali":

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom jinftiehmu bħala l-edukazzjoni u t-taħriġ bl-għan li ż-żgħażagħ u l-adulti jingħataw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa fi professjonijiet partikolari jew b'mod aktar ġenerali fis-suq tax-xogħol ([21]). Dawn jistgħu jiġu pprovduti f'ambjenti formali u mhux formali, fil-livelli kollha tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK), inkluż il-livell terzjarju, jekk applikabbli.

([18]) ĠU C 153, 2.5.2018., p. 1

([19]) Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

([20]) Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 132).

([21]) Abbażi tad-definizzjoni tas-Cedefop: Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali: Terminoloġija tal-Politika Ewropea dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ, 2014.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI

f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni, ir-riżorsi disponibbli, il-prijoritajiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali, inkluż is-sitwazzjoni soċjoekonomika u l-karatteristiċi tas-sistemi nazzjonali tal-VET, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha:

a) jaħdmu lejn l-implimentazzjoni ta' politika ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali li:

— tgħammar liż-żgħażagħ u lill-adulti bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi biex jirnexxu fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà li qed jevolvu u jimmaniġġjaw l-irkupru u t-tranżizzjonijiet ġusti għall-ekonomija ekoloġika u diġitali fi żminijiet ta' tibdil demografiku u tul iċ-ċikli ekonomiċi kollha,

— trawwem inklużività u opportunitajiet indaqs u tikkontribwixxi għall-kisba ta' reżiljenza, ġustizzja soċjali u prosperità għal kulħadd u

— tippromwovi s-sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali f'kuntest internazzjonali sabiex jiġu rikonoxxuti bħala referenza dinjija għall-istudenti vokazzjonali;

b) jużaw azzjonijiet u investimenti għall-implimentazzjoni ta' din il-politika, f'konformità mal-prinċipji definiti hawn isfel fil-punti 1 sa 21 u

c) jaħdmu sabiex sal-2025 jiksbu l-objettivi li ġejjin fil-livell tal-UE ([22]) li huma parti mill-oqfsa rilevanti ta' monitoraġġ Ewropej, inkluż fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ u fil-politiki soċjali u tal-impjieg:

— jenħtieġ li s-sehem ta' gradwati impjegati mill-VET ikun ta' mill-inqas 82% ([23]);

— 60 % tal-gradwati reċenti mill-VET jibbenefikaw minn esponiment għal apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol tul l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tagħhom ([24]). Dan l-objettiv jirreferi għal kull għamla ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol f'post tax-xogħol u għaldaqstant ser jikkontribwixxi wkoll għal żieda fl-opportunitajiet tal-apprendistati li jistgħu jiġu appoġġati mill-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ;

— 8 % tal-istudenti fil-VET jibbenefikaw minn mobbiltà għal apprendiment barra mill-pajjiż ([25]).

## L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali joffru l-flessibbiltà meħtieġa biex jaddattaw għall-bidliet tas-suq tax-xogħol

(1) Il-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali joffru taħlita bbilanċjata ta' ħiliet vokazzjonali inkluż tekniċi allinjati sew mal-impjiegi u mal-metodi ta' ħidma li qed jevolvu u kompetenzi ewlenin ([26]), li jinkludu ħiliet bażiċi sodi, diġitali, trasversali, ekoloġiċi u ħiliet oħra għall-ħajja li jipprovdu pedamenti sodi għar-reżiljenza, għat-tagħlim tul il-ħajja, għall-impjegabbiltà tul il-ħajja, għall-inklużjoni soċjali, għaċ-ċittadinanza attiva u għall-iżvilupp personali;

([22]) L-objettivi huma definiti bħala l-valuri medji tal-UE li għandhom jinkisbu b'mod kollettiv mill-Istati Membri. Meta tirrapporta dwar il-progress lejn il-kisba ta' dawn l-objettivi, inkluż fejn rilevanti fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi u ċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni f'konformità maċ-ċirkostanzi, il-prijoritajiet u l-isfidi nazzjonali tagħhom. It-tliet objettivi kwantitattivi ma jantiċipawx deċiżjonijiet dwar kif jiġu implimentati l-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u n-Next Generation EU.

([23]) Dan ser ikopri l-grupp ta' età bejn l-20 u l-34 sena li ggradwaw minn sena sa tliet snin ilu mill-VET fil-livell sekondarju għoli jew postsekondarju mhux terzjarju.

([24]) Dan ser ikopri l-grupp ta' età bejn l-20 u l-34sena li jkunu waqqfu l-edukazzjoni u t-taħriġ minn sena sa tliet snin ilu. L-indikatur ser jissejjes fuq data li ser tinġabar mill-2021 bħala parti mill-European Union Labour Force Survey (Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Forza tax-Xogħol) (EU-LFS) kif definit fl-identifikatur varjabbli "HATWORK" fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2240. Dan jirreferi għal esperjenzi ta' xogħol f'post tax-xogħol f'suq jew f'unità mhux tas-suq (jiġifieri f'kumpannija, istituzzjoni tal-gvern jew organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ) li kienu parti mill-kurrikulu tal-programm formali li wassal għall-ogħla livell ta' edukazzjoni li tlesta b'suċċess. Jekk rispondent kellu diversi esperjenzi ta' xogħol, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat it-tul kumulattiv tal-esperjenzi kollha tax-xogħol. L-esperjenzi tax-xogħol jenħtieġ li jiġu espressi f'ekwivalenti full-time.

([25]) Dan ser jitkejjel bħala s-sehem ta' studenti mobbli f'sena kalendarja, bħala proporzjon ta' koorti ta' gradwati tal-VET fl-istess sena. L-indikatur ser jissejjes fuq id-data dwar il-mobbiltà li nkisbet mid-data tal-Erasmus+ u mid-data tal-gradwati tal-VET li nkisbet mill-Unesco-OECD-Eurostat. Meta tkun disponibbli u biss jekk id-data pprovduta tkun komparabbli mad-data ta' Erasmus+, inkluż it-tul ta' żmien tal-mobbiltà, id-data mill-programmi ta' mobbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali tista' tintuża wkoll biex tikkumplimenta d-data minn Erasmus+. F'każ li tiġi inkluża data mill-awtoritajiet nazzjonali, din jenħtieġ li tintwera b'mod trasparenti.

([26]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja tiddefinixxi l-kompetenzi ewlenin li ġejjin: Il-kompetenza fil-litteriżmu; Il-kompetenza multilingwi; Il-kompetenza fil-matematika u l-kompetenza fix-xjenza, it-teknoloġija u l-inġinerija; Il-kompetenza diġitali; Il-kompetenza personali, soċjali u tat-tagħlim; Il-kompetenza ta' ċittadinanza; Il-kompetenza tal-intraprenditorija kif ukoll il-Kompetenza tal-għarfien u l-espressjoni kulturali.

(2) Il-kurrikuli, l-offerti tal-programmi u l-kwalifiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jiġu aġġornati regolarment, kif rilevanti, waqt li jibnu fuq informazzjoni dwar il-ħiliet (jiġifieri sistemi ta' sttarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati, mekkaniżmi ta' antiċipazzjoni tal-ħiliet, inkluż fil-livelli settorjali u reġjonali);

(3) Il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom, f'konformità mal-kuntest nazzjonali, livell xieraq ta' awtonomija, flessibbiltà, appoġġ u finanzjament biex jadattaw l-offerta ta' taħriġ tagħhom għall-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet li jinbidlu, mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u maċ-ċikli ekonomiċi, filwaqt li jiżguraw il-kwalità;

(4) Il-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fil-livelli kollha jinkludu komponenti ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol li jissoktaw jespandu wkoll għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kontinwi; l-iskemi ta' apprendistati ([27]) huma żviluppati aktar, biex itejbu l-offerti tal-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ ([28]), u huma kumplimentati bl-appoġġ xieraq ([29]) u bil-miżuri biex tiġi stabbilita l-offerta tal-apprendistati, u jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi ta' kumpanniji żgħar; sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' tagħlim imsejsa fuq ix-xogħol f'setturi differenti tal-ekonomija, jistgħu jiġu pprovduti miżuri ta' inċentiv għal min iħaddem f'konformità mal-kuntest nazzjonali;

**Il-flessibbiltà u l-opportunitajiet ta' progressjoni jinsabu fil-qalba tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali**

(5) Il-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma ffukati fuq l-istudenti, joffru aċċess għall-apprendiment wiċċ imb wiċċ, diġitali jew taħlita tat-tnejn, b'perkorsi flessibbli u modulari msejsa fuq ir-rikonoxximent tal-eżiti ta' apprendiment mhux formali u informali, u jiftħu t-triq għall-progress fil-karriera u fl-apprendiment; il-programmi ta' taħriġ vokazzjonali kontinwu huma ddisinjati biex ikunu jistgħu jiġu addattati għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, dawk settorjali jew għat-titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid tal-individwu;

(6) Il-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jissejsu fuq moduli jew unitajiet tal-eżiti tal-apprendiment u jeżistu mekkaniżmi ta' validazzjoni li jippermettu t-trasferiment, ir-rikonoxximent u l-akkumulazzjoni ta' eżiti tal-apprendiment tal-individwi bl-għan li jiksbu kwalifika, kwalifika parzjali, kif rilevanti fil-kuntest nazzjonali; ([30]) Fil-VET inizjali l-għan primarju huwa li jsir progress lejn kwalifika sħiħa.

**L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma xprun għall-innovazzjoni u t-tkabbir u jħejju għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u għal professjonijiet ferm mitluba**

(7) L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jkunu reżiljenti billi jkunu parti minn strateġiji ekonomiċi, industrijali u ta' innovazzjoni, inkluż dawk marbuta mat-tranżizzjonijiet ta' rkupru, ekoloġiċi u diġitali. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi addattata u/jew estiża b'mod sinifikanti l-offerta ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, speċjalment għall-adulti, billi titrawwem il-kisba ta' ħiliet intraprenditorjali, diġitali u ekoloġiċi;

(8) Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali jaġixxu bħala katalizzaturi għall-investiment tan-negozju lokali, jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ta' rkupru, ekoloġiċi u diġitali, l-innovazzjoni Ewropea u reġjonali u l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, l-iżvilupp ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, inkluż f'livelli ta' kwalifiki ogħla (livelli 5 sa 8 tal-QEK) f'konformità mal-kuntest nazzjonali u jipprovdu servizzi innovattivi bħal raggruppamenti u inkubaturi tan-negozju għal negozji ġodda, u bħal innovazzjoni teknoloġika għall-SMEs, u jipprovdu wkoll soluzzjonijiet innovattivi ta' taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema fir-riskju li jisfaw qiegħda;

(9) L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom aċċess għal infrastruttura tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, għandhom strateġija ta' diġitalizzazzjoni stabbiliti ([31]) f'konformità mal-kuntest nazzjonali u jinkorporaw is-sostenibbiltà ambjentali u soċjali fil-programmi u fil-ġestjoni organizzattiva tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU;

**L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma għażla attraenti msejsa fuq forniment modern u diġitalizzat tat-taħriġ/tal-ħiliet**

(10) L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwi huma parti mit-tagħlim tul il-ħajja. Twaqqfu perkorsi flessibbli u permeabbli kemm bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali kif ukoll dak kontinwu, l-edukazzjoni ġenerali u l-edukazzjoni għolja;

([27]) Kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi.
([28]) Kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ.
([29]) Dawn jistgħu jinkludu ċentri ta' apprendiment fil-kumpanniji.
([30]) F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.
([31]) Pereżempju, l-għodda ta' awtoriflessjoni SELFIE tappoġġa l-istituzzjonijiet tal-VET fl-użu effettiv tat-teknoloġiji diġitali għat-tagħlim u għall-apprendiment u ttejjeb il-kooperazzjoni tagħhom mal-impjegati fi skemi ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol.

(11) Il-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali fil-livelli 5 sa 8 tal-QEK huma żviluppati aktar biex jappoġġaw ħtiġijiet dejjem akbar għal ħiliet vokazzjonali ogħla f'konformità mal-kuntest nazzjonali;

(12) Il-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jitwasslu permezz ta' taħlita xierqa ta' ambjenti ta' apprendiment miftuħa, diġitali u parteċipattivi, li jinkludu l-postijiet tax-xogħol li jħeġġu l-apprendiment u huma appoġġati minn infrastruttura, tagħmir u teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku kif ukoll aċċessibbli, u minn pedagoġiji u għodod versatili, pereżempju s-simulaturi bbażati fuq l-ICT, ir-realtà virtwali u awmentata li jżidu l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza tal-għoti ta' taħriġ, inkluż għall-intrapriżi żgħar ([32]);

(13) L-għalliema, min iħarreġ u persunal ieħor fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali iwettqu attivitajiet ta' żvilupp professjonali inizjali u kontinwu sabiex: iwasslu taħriġ ta' kwalità għolja; irawmu l-ħiliet tekniċi u diġitali u metodi ta' taħriġ innovattivi effettivi, inkluż tagħlim f'ambjent virtwali; f'konformità mal-pedagoġija vokazzjonali u diġitali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, jaħdmu b'għodod ta' tagħlim diġitali, u f'ambjenti diversi u multikulturali. Il-perkorsi tal-karriera tagħhom isiru aktar attraenti permezz ta' approċċi ta' reklutaġġ usa' ([33]), kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-għalliema/ħarrieġa vokazzjonali u l-kumpanniji u postijiet oħra tax-xogħol;

(14) L-istrateġiji ta' internazzjonalizzazzjoni jappoġġaw approċċ strateġiku għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE; tali strateġiji jippromwovu prattiki nazzjonali ta' suċċess madwar id-dinja u jistgħu jiġu implimentati b'mezzi differenti bħall-mobbiltà ta' studenti u għalliema/ħarrieġa, u l-parteċipazzjoni u t-tħejjija konġunta f'kompetizzjonijiet internazzjonali tal-ħiliet;

(15) Ġew stabbiliti opportunitajiet għall-mobbiltà tal-apprendiment ta' studenti u persunal vokazzjonali, li jinkludu l-mobbiltà virtwali, il-mobbiltà fit-tul u l-mobbiltà lejn pajjiżi terzi, li huma faċilitati bl-użu u r-rikonoxximent ta' unitajiet tal-eżiti tal-apprendiment u ta' għodod Ewropej rilevanti; ([34])

(16) Informazzjoni ċara u faċli għall-utent dwar l-opportunitajiet ta' tagħlim u ta' karriera, u opportunitajiet ta' validazzjoni, fl-UE kollha tiġi żgurata permezz ta' servizzi ta' tagħlim tul il-ħajja u ta' gwida għall-karriera ta' kwalità għolja, bl-użu sħiħ tal-Europass u servizzi diġitali oħra;

**L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jippromwovu opportunitajiet indaqs**

(17) Il-programmi tal-VET huma inklużivi u aċċessibbli għal gruppi vulnerabbli, bħal persuni b'diżabbiltà, persuni bi kwalifiki baxxi/b'ħiliet baxxi, minoranzi, persuni li ġejjin minn ambjent ta' migrazzjoni u persuni b'inqas opportunitajiet minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom u/jew is-sitwazzjoni soċjoekonomika żvantaġġata tagħhom; Il-miżuri mmirati u l-formati flessibbli tat-taħriġ jipprevjenu t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u jappoġġaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol;

(18) Il-programmi tal-VET huma aċċessibbli permezz ta' pjattaformi ta' apprendiment diġitali, appoġġati minn għodod, apparati u konnessjoni tal-internet, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli u għall-persuni li jgħixu f'żoni rurali jew imbiegħda;

(19) Il-miżuri mmirati jippromwovu l-bilanċ bejn il-ġeneri fi professjonijiet "maskili" jew "femminili" u jindirizzaw stereotipi relatati mal-ġeneru u tipi oħra ta' stereotipi;

**L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jissejsu fuq kultura ta' assigurazzjoni tal-kwalità**

(20) Il-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità (il-Qafas tal-EQAVET) kif deskritt fl-Anness II jintuża fis-sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità, kemm għall-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali kif ukoll għal dawk kontinwi; huwa jkopri l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-ambjenti kollha tal-apprendiment (pereżempju l-forniment fl-ambitu tal-iskejjel u l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, inklużi skemi ta' apprendistati) u t-tipi kollha ta' apprendiment (wiċċ imb wiċċ, diġitali jew taħlita tat-tnejn), mogħtija kemm mill-fornituri pubbliċi kif ukoll minn dawk privati u mirfuda minn sett ta' deskritturi indikattivi u indikaturi ta' referenza komuni għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali applikati kemm fil-livell tas-sistema kif ukoll f'dak tal-fornitur, f'konformità mal-kuntest nazzjonali, kif imniżżel fl-Anness II;

([32]) Barra minn hekk, dawn jistgħu jinkludu tagħlim kollaborattiv, apprendiment interdixxiplinari u msejjes fuq proġetti, metodi organizzattivi ġodda fl-istituzzjonijiet u fil-kumpanniji ta' taħriġ, kif ukoll l-intelliġenza artifiċjali.

([33]) Dawn jistgħu jinkludu diversi perkorsi għall-progress fil-karriera, ir-rikonoxximent ta' esperjenza professjonali preċedenti, għalliema/ħarrieġa ibridi f'konformità mal-kuntest nazzjonali.

([34]) Pereżempju, mudelli għall-Memorandum ta' Qbil u l-Ftehim ta' Apprendiment.

(21) Punt Nazzjonali ta' Referenza ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jissokta jiġbor flimkien il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livelli nazzjonali u reġjonali biex:

— jittieħdu inizjattivi konkreti favur implimentazzjoni u żvilupp aħjar tal-Qafas tal-EQAVET,

— jiġu infurmati u mobilizzati firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati li jinkludu ċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-qafas tal-EQAVET,

— tiġi appoġġata awtoevalwazzjoni bħala mezz komplementari u effettiv għall-assigurazzjoni ta' kwalità li tippermetti li jitkejjel is-suċċess u l-identifikazzjoni ta' oqsma fejn jinħtieġ titjib, inkluż fir-rigward tal-prontezza diġitali tas-sistemi u tal-istituzzjonijiet tal-VET

— ikun hemm sehem attiv fin-network Ewropew għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali,

— tiġi pprovduta deskrizzjoni aġġornata tal-arranġamenti nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità abbażi tal-Qafas tal-EQAVET,

— ikun hemm involviment f'rieżamijiet bejn il-pari fil-livell tal-UE ([35]) tal-assigurazzjoni tal-kwalità biex jitjiebu t-trasparenza u l-konsistenza tal-arranġamenti ta' assigurazzjoni tal-kwalità, u biex tissaħħaħ il-fiduċja bejn l-Istati Membri;

**L-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali**

Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jieħdu azzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' din il-politika fil-livell nazzjonali, flimkien mas-sħab soċjali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra. Meta jagħmlu dan, jenħtieġ li:

(22) Jappoġġaw sħubijiet sostenibbli għall-governanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, f'konformità mal-kuntest nazzjonali u, fejn rilevanti, permezz ta' sħubiji pubbliċi-privati. Jinvolvu s-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-industriji u n-negozji ta' kull daqs, is-servizzi pubbliċi u privati tal-impjiegi, l-għalliema u l-ħarrieġa tal-VET u r-rappreżentanti tagħhom, il-korpi intermedjarji bħall-kmamar tal-industrija, tal-kummerċ u tal-artiġjanat, il-koordinaturi nazzjonali għall-Garanzija għaż-żgħażagħ, l-FSE u inizjattivi oħrajn tal-UE, is-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, ir-raggruppamenti, l-organizzazzjonijiet tal-istudenti u tal-ġenituri, kif ukoll l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali. Jippromwovu sħubijiet bħal dawn fil-livell reġjonali u f'dak settorjali;

(23) Jagħmlu l-aħjar użu mill-għodda ta' trasparenza Ewropej bħall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, is-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS), l-Europass u l-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO), jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki u tal-eżiti tal-perijodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż ([36]), jippermettu lill-istudenti jużaw id-diversi aspetti tal-Europass (eż. jirreġistraw l-esperjenza, il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom fuq profil online li jgħinhom ifittxu karriera, esperjenza ta' mobbiltà, jiksbu kredenzjali ffirmati diġitalment, u jirċievu pariri u jfittxu għal opportunitajiet ta' apprendiment u ta' impjiegi, għal kwalifiki, għal validazzjoni, għal rikonoxximent, eċċ.);

(24) Jagħmlu l-aħjar użu tal-fondi u tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea li jappoġġaw riformi u/jew investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inkluż dwar id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali, bħan-Next Generation UE, (il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-REACT-EU), il-Fond Soċjali Ewropew+, l-SURE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, l-InvestEU, l-Erasmus+, l-Orizzont Ewropa, l-Interreg, l-Ewropa Diġitali, il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond għall-Modernizzazzjoni; jistimulaw aktar investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kemm mis-setturi pubbliċi kif ukoll minn dawk privati;

(25) Billi jibnu fuq l-arranġamenti nazzjonali u l-oqfsa finanzjarji eżistenti rilevanti, jiddefinixxu l-miżuri li għandhom jittieħdu għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fuq livell nazzjonali fi żmien 18-il xahar mill-adozzjoni tagħha u jsegwu l-implimentazzjoni tagħha, inkluż permezz ta' allokazzjonijiet ta' riżorsi nazzjonali kif xierqa fil-livell nazzjonali u b'enfasi qawwija fuq l-integrazzjoni tad-diġitalizzazzjoni u tas-sostenibbiltà ambjentali mas-settur kollu tal-VET b'kunsiderazzjoni dovuta għar-responsabbiltà/l-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'konformità mal-kuntest nazzjonali.

([35]) Ir-rieżami bejn il-pari huwa tip ta' attività ta' apprendiment reċiproku volontarju bl-objettiv li jappoġġa t-titjib u t-trasparenza ta' arranġamenti ta' assigurazzjoni tal-kwalità fil-livell tas-sistema li ma jwassalx għal proċeduri ta' akkreditazzjoni, abbażi ta' metodoloġija speċifika li għandha tiġi żviluppata min-Network Ewropew għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

([36]) F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perijodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż.

B'DAN JILQA' L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI, B'KUNSIDERAZZJONI DOVUTA TAS-SUSSIDJARJETÀ, LI:

timplimenta l-politika tal-Unjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, billi tappoġġa l-azzjoni tal-Istati Membri, inkluż billi:

(26) Tiżgura governanza effettiva tal-politika tal-UE għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali permezz tal-Kumitat Konsultattiv tripartitiku dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, abbażi ta' programm ta' ħidma kontinwu u f'kooperazzjoni mad-Diretturi Ġenerali għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali ([37]), mar-rappreżentanti tal-istudenti u mal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;

(27) Tiżgura li l-politika tal-UE għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tiġi riflessa bis-sħiħ fit-tmexxija tal-Pjan ta' Rkupru Ewropew, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa, l-Istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali u tkun parti konsistenti u koerenti mill-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, il-qafas Ewropew globali għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni;

(28) Tkompli tipprovdi l-appoġġ għal riformi strutturali tal-apprendistati permezz tas-servizz ta' appoġġ għall-apprendistat u ta' spinta ġdida għall-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati f'sinerġija mal-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ; Tespandi s-servizzi ta' appoġġ gradwalment għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali f'kooperazzjoni mas-CEDEFOP;

(29) Tesplora l-kunċett u l-użu tal-mikrokredenzjali, inkluż fil-VET, flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż fil-kuntest tal-Grupp Konsultattiv tal-QEK, kif propost fl-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet.

(30) Tappoġġa l-għan biex jiġu stabbiliti u żviluppati gradwalment Pjattaformi Ewropej ta' Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali u tesplora l-Profili Vokazzjonali Ewlenin Ewropej flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħala parti mill-pjattaforma Europass u meta possibbli jkunu kkumplimentati b'kontenut diġitali vokazzjonali żviluppat fil-qafas tal-għodod ta' trasparenza Ewropej, bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati l-mobbiltà tal-istudenti u tal-ħaddiema u t-trasparenza u r-rikonoxximent tal-kwalifiki;

(31) Tappoġġa d-diġitalizzazzjoni kwalitattiva u effettiva tal-forniment tal-VET għall-apprendiment fl-iskejjel u fil-post tax-xogħol billi tippromwovi l-użu tal-oqfsa ta' kompetenza Ewropej ([38]) u tal-għodod ta' awtovalutazzjoni ([39]), u tesplora l-fattibbiltà ta' sħarriġ mal-UE kollha għall-iskejjel tal-VET;

(32) Issaħħaħ l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati u l-Koalizzjonijiet għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali kif imħabbar fl-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet;

(33) Tippromwovi sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali f'kuntest internazzjonali sabiex jiġu rikonoxxuti bħala referenza dinjija għall-istudenti vokazzjonali, inkluż permezz tal-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u tas-sistemi ta' taħriġ anki fir-rigward ta' pajjiżi kandidati tal-UE u ta' pajjiżi tal-Viċinat Ewropej f'kooperazzjoni mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, mal-kompetizzjonijiet tal-ħiliet u mal-kampanji ta' komunikazzjoni li jżidu l-attraenza u d-dehra tal-VET u jipprovdu aċċess faċli għall-utent għat-tagħrif dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u dwar l-opportunitajiet relatati għall-karriera, filwaqt li jiżviluppaw aktar il-karatteristiċi tal-Europass;

(34) Tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-OECD, l-ILO, il-UNESCO u l-Bank Dinji, fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

(35) Tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, issaħħaħ il-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, inkluż id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali tagħhom, u tippromwovi r-riċerka fil-VET kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE permezz ta' finanzjament mill-fondi u mill-programmi rilevanti tal-Unjoni (in-Next Generation EU, (il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-REACT-EU), il-Fond Soċjali Ewropew+, l-SURE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, l-InvestEU, l-Erasmus+, l-Orizzont Ewropa, l-Interreg, l-Ewropa Diġitali, il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond għall-Modernizzazzjoni);

([37]) Id-Diretturi Ġenerali għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali jinħatru mill-Istati Membri.

([38]) Bħall-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini (DigComp), il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Edukaturi (DigCompEdu) u l-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Organizzazzjonijiet (DigCompO).

([39]) Bħas-SELFIE.

(36) Tiżgura monitoraġġ kwalitattiv u kwantitattiv f'konformità mal-objettivi komuni definiti f'din ir-Rakkomandazzjoni kif ukoll data rilevanti oħra, inkluż dwar l-investiment, u li din id-data tiddaħħal fis-Semestru Ewropew u f'oqfsa Ewropej oħra rilevanti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar u tirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni kull ħames snin, abbażi tad-data disponibbli fil-livell nazzjonali u dak Ewropew u tal-monitoraġġ annwali tas-Cedefop.

Din ir-Rakkomandazzjoni tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET), u r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET).

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ROTH

*ANNESS I*

## Atti rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tal-ħiliet, tal-edukazzjoni u t-taħriġ

(1) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel ([1]).

(2) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ([2]).

(3) Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) — Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ([3]).

(4) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti ([4]).

(5) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja ([5]).

(6) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2017 dwar il-monitoraġġ tal-perkors fil-karriera tal-gradwati ([6]).

(7) Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (Europass) u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2241/2004/KE ([7]).

(8) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja ([8]).

(9) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mixja lejn viżjoni għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ([9]).

(10) F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perijodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż ([10]).

(11) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti ([11]).

(12) Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni biex jiġu appoġġati sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ orjentati lejn il-futur ([12]).

(13) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri ([13]).

(14) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-Istrateġija Annwali għall-Iżvilupp Sostenibbli 2020" ([14]).

---

([1]) ĠU C191, 1.7.2011, p. 1.
([2]) ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.
([3]) ĠU C417, 15.12.2015, p. 25.
([4]) ĠU C 484, 24.12.2016, p. 1.
([5]) ĠU C 189, 15.6.2017, p. 15.
([6]) ĠU C 423, 9.12.2017, p. 1.
([7]) ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42.
([8]) ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1.
([9]) ĠU C 195, 7.6.2018, p. 7.
([10]) ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1.
([11]) ĠU C 189, 5.6.2019, p. 23.
([12]) ĠU C 389, 18.11.2019, p. 1.
([13]) 13432/19.
([14]) COM(2019) 650 final.

*ANNESS II*

# Il-qafas tal-EQAVET

Parti A. *Deskritturi indikattivi tal-EQAVET*

Dan l-anness jipproponi deskritturi indikattivi li għandhom l-għan li jappoġġaw lill-Istati Membri u lill-fornituri tal-VET, skont kif jidhrilhom xieraq, meta jimplimentaw il-Qafas tal-EQAVET. Huma strutturati f'fażijiet taċ-ċiklu tal-kwalità: *Ippjanar - Implimentazzjoni- Evalwazzjoni- Rieżami*. Jistgħu jiġu applikati kemm għall-VET inizjali kif ukoll għal dawk kontinwi u japplikaw għall-ambjenti kollha tal-apprendiment: provvediment ibbażat fl-iskejjel u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol inkluż skemi ta' apprendistat.

| Kriterji ta' Kwalità | Deskritturi indikattivi fil-livell tas-sistema tal-VET | Deskritturi indikattivi fil-livell tal-fornitur tal-VET |
|---|---|---|
| L-ippjanar jirrifletti viżjoni strateġika komuni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti u jinkludi għanijiet/objettivi, azzjonijiet u indikaturi espliċiti | L-għanijiet/objettivi tal-VET huma deskritti għall-perijodi medji u fit-tul, u huma konnessi mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u Ewropej li jqisu l-kunsiderazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà ambjentali<br><br>Is-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jieħdu sehem fl-istabbiliment tal-għanijiet u l-objettivi tal-VET fil-livelli differenti<br><br>Il-miri huma stabbiliti u mmonitorjati permezz ta' indikaturi speċifiċi (kriterji ta' suċċess)<br><br>Il-mekkaniżmi u l-proċeduri ġew stabbiliti sabiex jidentifikaw il-ħtiġijiet tat-taħriġ tas-suq tax-xogħol u tas-soċjetà | L-għanijiet/objettivi Ewropej, nazzjonali u reġjonali tal-politika tal-VET huma riflessi fil-miri lokali stabbiliti mill-fornituri tal-VET<br><br>L-għanijiet/objettivi u l-miri espliċiti huma stabbiliti u mmonitorjati, u programmi sabiex jiksbuhom huma mfassla<br><br>Konsultazzjoni kontinwa mas-sħab soċjali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha li sseħħ sabiex jiġu identifikati l-ħtiġijiet lokali/individwali speċifiċi<br><br>Ir-responsabbiltajiet fil-ġestjoni u l-iżvilupp tal-kwalità ġew allokati espliċitament<br><br>Hemm involviment bikri tal-persunal fl-ippjanar, inkluż fir-rigward tal-iżvilupp tal-kwalità |
| | Il-politika ta' informazzjoni ġiet imfassla sabiex tiżgura diffużjoni ottima ta' riżultati/eżiti ta' kwalità soġġetti għar-rekwiżiti nazzjonali/reġjonali tal-protezzjoni tad-data<br><br>L-istandards u l-linji gwida għar-rikonoxximent, il-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-kompetenzi tal-individwi ġew iddefiniti<br><br>Il-kwalifiki tal-VET huma deskritti permezz tal-eżiti tal-apprendiment<br><br>Il-mekkaniżmi huma stabbiliti għall-assigurazzjoni tal-kwalità tad-disinn, tal-valutazzjoni u tar-rieżami tal-kwalifiki<br><br>Il-programmi tal-VET jitfasslu sabiex jippermettu perkorsi ta' apprendiment flessibbli u jirreaġixxu minnufih għall-ħtiġijiet li jinbidlu tas-suq tax-xogħol | Il-fornituri jippjanaw inizjattivi ta' kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti<br><br>Il-partijiet ikkonċernati rilevanti jieħdu sehem fil-proċess ta' analiżi tal-ħtiġijiet lokali<br><br>Il-fornituri tal-VET japplikaw sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità espliċita u trasparenti<br><br>Il-miżuri huma mfassla biex jiżguraw il-konformità mar-regoli ta' protezzjoni tad-data |

| Kriterji ta' Kwalità | Deskritturi indikattivi fil-livell tas-sistema tal-VET | Deskritturi indikattivi fil-livell tal-fornitur tal-VET |
|---|---|---|
| Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni huma mfassla f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u jinkludu prinċipji espliċiti | Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni huma stabbiliti f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, mal-fornituri tal-VET u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fil-livelli differenti<br>Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni jinkludu konsiderazzjoni tar-riżorsi meħtieġa, tal-kapaċità tal-utenti u l-għodda u tal-linji gwida meħtieġa bħala appoġġ<br>Il-linji gwida u l-istandards tfasslu għall-implimentazzjoni fil-livelli differenti. Dawn il-linji gwida u standards jinkludu l-valutazzjoni, il-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-kwalifiki<br>Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni jinkludu appoġġ speċifiku għat-taħriġ tal-għalliema u ta' min iħarreġ, inkluż għall-ħiliet diġitali u għas-sostenibbiltà ambjentali | Ir-riżorsi huma allinjati/assenjati internament b'mod adegwat bil-ħsieb li jinkisbu l-miri stabbiliti fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni<br>Is-sħubijiet rilevanti u inklużivi, li jinkludu dawk bejn l-għalliema u min iħarreġ, huma appoġġati espliċitament għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ippjanati<br>Il-pjan strateġiku għall-iżvilupp tal-kompetenza tal-persunal jispeċifika l-ħtieġa ta' taħriġ għall-għalliema u għal dawk li jħarrġu<br>Il-persunal jitħarreġ regolarment u jiżviluppa kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni rilevanti għall-appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet u għat-titjib tal-kwalità, u għat-tisħiħ tal-prestazzjoni |
| | Ir-responsabbiltajiet tal-fornituri tal-VET fil-proċess ta' implimentazzjoni huma espliċitament deskritti u huma trasparenti<br>Tfassal qafas nazzjonali u/jew reġjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità li jinkludi linji gwida u standards tal-kwalità fil-livell tal-fornituri tal-VET sabiex jippromwovi titjib kontinwu u awtoregolamentazzjoni | Permezz tal-programmi għall-fornituri tal-VET, l-istudenti jiksbu l-eżiti tal-apprendiment mistennija u huma involuti fil-proċess tal-apprendiment<br>Il-fornituri tal-VET iwieġbu għall-bżonnijiet tal-apprendiment tal-individwi permezz ta' approċċ iffukat fuq l-istudent li jippermetti lill-istudenti jiksbu l-eżiti tal-apprendiment mistennija<br>Il-fornituri tal-VET jippromwovu l-innovazzjoni fil-metodi ta' tagħlim u ta' apprendiment, fl-iskola u fil-post tax-xogħol, appoġġati mill-użu ta' teknoloġiji diġitali u għodod ta' apprendiment online<br>Il-fornituri tal-VET jużaw metodi validi, preċiżi u affidabbli biex jivvalutaw l-eżiti tal-apprendiment tal-individwu |
| L-evalwazzjoni tal-eżiti u tal-proċessi titwettaq regolarment u hija<br>appoġġata minn kejl | Tfasslet metodoloġija għall-evalwazzjoni, li tkopri evalwazzjoni interna u esterna<br>Jintlaħaq qbil u jiġi deskritt b'mod ċar l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-proċess ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni<br>L-istandards u l-proċessi nazzjonali/reġjonali għat-titjib u għall-assigurazzjoni tal-kwalità huma rilevanti u proporzjonati għall-ħtiġijiet tas-settur<br>Is-sistemi huma soġġetti għall-awtoevalwazzjoni, għar-rieżami intern u estern, kif xieraq | L-awtovalutazzjoni/awtoevalwazzjoni titwettaq perjodikament skont ir-regolamenti/l-oqfsa nazzjonali u reġjonali jew fuq inizjattiva tal-fornituri tal-VET, u tkopri wkoll il-prontezza diġitali u s-sostenibbiltà ambjentali tal-istituzzjonijiet tal-VET<br>L-evalwazzjoni u r-rieżami jkopru proċessi u riżultati/eżiti tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jinkludu l-valutazzjoni tas-sodisfazzjon tal-istudenti kif ukoll tal-prestazzjoni u s-sodisfazzjon tal-persunal |

| Kriterji ta' Kwalità | Deskritturi indikattivi fil-livell tas-sistema tal-VET | Deskritturi indikattivi fil-livell tal-fornitur tal-VET |
|---|---|---|
| | Jiġu implimentati sistemi ta' twissija bikrija<br><br>Huma applikati l-indikaturi tal-prestazzjoni<br><br>Isehħ ġbir rilevanti, regolari u koerenti tad-data, sabiex jitkejjel is-suċċess u jiġu identifikati l-oqsma li jistgħu jitjiebu. Tfasslu metodoloġiji xierqa tal-ġbir tad-data, bħal kwestjonarji u indikaturi/metrika | L-evalwazzjoni u r-rieżami jinkludu l-ġbir u l-użu tad-data, u l-mekkaniżmi adegwati u effettivi li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati interni u esterni<br><br>Jiġu implimentati sistemi ta' twissija bikrija |
| Rieżami | Il-proċeduri, il-mekkaniżmi u l-istrumenti biex isehħu r-rieżamijiet huma definiti u użati biex itejbu l-kwalità tal-forniment fil-livelli kollha<br><br>Il-proċessi jiġu rieżaminati regolarment u jitfasslu pjanijiet ta' azzjoni għall-bidla. Is-sistemi huma aġġustati kif meħtieġ<br><br>L-informazzjoni dwar l-eżiti tal-evalwazzjoni hi disponibbli pubblikament | Tinġabar informazzjoni mill-istudenti dwar l-esperjenza tal-apprendiment individwali tagħhom u dwar l-ambjent tal-apprendiment u tat-tagħlim. Flimkien mal-informazzjoni mill-għalliema, minn min iħarreġ u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, din tintuża bħala bażi għal azzjonijiet ulterjuri<br><br>L-informazzjoni dwar l-eżiti tar-rieżami tkun disponibbli b'mod wiesa' u pubblikament<br><br>Il-proċeduri dwar l-informazzjoni mogħtija u r-rieżami huma parti minn proċess strateġiku ta' apprendiment fl-organizzazzjoni, jappoġġaw l-iżvilupp ta' forniment ta' kwalità għolja, u jtejbu l-opportunitajiet għall-istudenti.<br><br>Ir-riżultati/l-eżiti tal-proċess tal-evalwazzjoni huma diskussi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni xierqa |

Parti B: *Is-sett ta' referenza tal-Indikaturi tal-EQAVET*

Din it-taqsima tipproponi sett ta' indikaturi ta' referenza li jistgħu jintużaw għall-appoġġ għall-evalwazzjoni u għat-titjib tal-kwalità tas-sistemi tal-VET nazzjonali/reġjonali u/jew għall-fornituri tal-VET meta jimplimentaw il-qafas tal-EQAVET.

| Indikatur | Tip ta' indikatur | Għan tal-politika |
|---|---|---|
| Indikaturi Ġenerali għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità | | |
| Numru 1 | | |
| Rilevanza tas-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità għall-fornituri tal-VET:<br>a) proporzjon tal-fornituri tal-VET li japplikaw sistemi interni ta' assigurazzjoni tal-kwalità definiti mil-liġi/b'inizjattiva proprja<br>b) proporzjon tal-fornituri akkreditati tal-VET | Indikatur tal-kuntest/kontribut | Promozzjoni ta' kultura ta' titjib tal-kwalità fil-livell tal-fornituri tal-VET<br><br>Żieda fit-trasparenza tal-kwalità tat-taħriġ<br><br>Titjib tal-fiduċja reċiproka fil-forniment tat-taħriġ |
| Numru 2 | | |
| Investiment fit-taħriġ tal-għalliema u ta' min iħarreġ:<br>a) proporzjon tal-għalliema u ta' min qed iħarreġ li jieħdu sehem f'taħriġ ulterjuri<br>b) ammonti ta' fondi investiti, inkluż għall-ħiliet diġitali | Indikatur tal-kontribut/proċess | Promozzjoni tas-sens ta' appartenenza tal-għalliema u ta' min iħarreġ għall-proċess tal-iżvilupp tal-kwalità fil-VET |

| Indikatur | Tip ta' indikatur | Għan tal-politika |
|---|---|---|
| | | Titjib tar-rispons tal-VET għat-tibdil fid-domanda tas-suq tax-xogħol<br>Żieda fil-bini tal-kapaċità tal-apprendiment individwali<br>Titjib tal-kisbiet tal-istudenti |

Indikaturi li jappoġġaw l-objettivi tal-kwalità fil-politiki tal-VET

Numru 3

| | | |
|---|---|---|
| Rata ta' parteċipazzjoni fil-programmi tal-VET:<br>Numru ta' parteċipanti fil-programmi tal-VET ([1]), skont it-tip ta' programm u l-kriterji individwali ([2]) | Indikatur tal-kontribut/tal-proċess/tal-output | Kisba ta' informazzjoni bażika fil-livelli tas-sistemi tal-VET u tal-fornituri tal-VET dwar l-attraenza tal-VET<br>Identifikazzjoni tal-appoġġ għaż-żieda tal-aċċess għall-VET, inkluż għal gruppi żvantaġġati |

Numru 4

| | | |
|---|---|---|
| Rata ta' tlestija tal-programmi tal-VET:<br>Għadd ta' persuni li jkunu temmew b'suċċess/abbandunaw il-programmi tal-VET, skont it-tip tal-programm u tal-kriterji individwali | Indikatur tal-proċess/tal-output/tal-eżitu | Kisba tal-informazzjoni bażika dwar il-kisbiet edukattivi u l-kwalità tal-proċessi ta' taħriġ<br>Kalkolu tar-rati ta' rtirar imqabbla mar-rata ta' parteċipazzjoni<br>Appoġġ għat-tlestija b'suċċess bħala wieħed mill-objettivi ewlenin għall-kwalità fil-VET<br>Appoġġ għall-forniment adattat ta' taħriġ, inkluż għal gruppi żvantaġġati |

Numru 5

| | | |
|---|---|---|
| Rata ta' kollokament fil-programmi tal-VET:<br>a) destinazzjoni tal-istudenti tal-VET f'mument speċifiku wara t-tlestija tat-taħriġ, skont it-tip tal-programm u tal-kriterji individwali ([3])<br>b) proporzjon tal-istudenti li huma impjegati f'mument speċifiku wara t-tlestija tat-taħriġ, skont it-tip tal-programm u tal-kriterji individwali | Indikatur tal-eżitu | Appoġġ għall-impjegabbiltà<br>Titjib tar-rispons tal-VET għall-bidliet fid-domanda tas-suq tax-xogħol<br>Appoġġ għall-forniment adattat ta' taħriġ, inkluż għal gruppi żvantaġġati |

([1]) Għall-IVT: jeħtieġ perijodu ta' sitt ġimgħat taħriġ qabel ma l-istudent jitqies bħala parteċipant. Għat-tagħlim tul il-ħajja: il-perċentwal tal-popolazzjoni aċċettata għall-programmi formali tal-VET.

([2]) Minbarra l-informazzjoni bażika dwar il-ġeneru u l-età, jistgħu jiġu applikati kriterji soċjali oħrajn, eż. min jitlaq kmieni mill-iskola, l-ogħla kisbiet edukattivi, il-migranti, il-persuni b'diżabbiltà, it-tul tal-qgħad.

([3]) Għall-IVT: inklużjoni tal-informazzjoni dwar id-destinazzjoni ta' min ma jkomplix.

| Indikatur | Tip ta' indikatur | Għan tal-politika |
|---|---|---|
| Numru 6 | | |
| Użu ta' ħiliet miksuba fuq il-post tax-xogħol:<br>a) informazzjoni dwar impjieg, miksuba minn individwi wara t-tlestija tat-taħriġ, skont it-tip ta' taħriġ u tal-kriterji individwali<br>b) rata ta' sodisfazzjon ta' individwi u ta' min jimpjega bil-ħiliet/kompetenzi miksuba | Indikatur tal-eżitu<br>(taħlita ta' data kwalitattiva u kwantitattiva) | Żieda fil-kapaċità ta' impjieg<br>Titjib tar-rispons tal-VET għall-bidliet fid-domanda tas-suq tax-xogħol<br>Appoġġ għall-forniment adattat ta' taħriġ, inkluż għal gruppi żvantaġġati |
| Informazzjoni dwar il-kuntest | | |
| Numru 7 | | |
| Rata tal-qgħad ([4]) skont il-kriterji individwali | Indikatur tal-kuntest | Informazzjoni ta' sfond għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-politika fil-livell tas-sistemi tal-VET |
| Numru 8 | | |
| Prevalenza ta' gruppi vulnerabbli:<br>a) perċentwal ta' parteċipanti fl-VET kklassifikati bħala gruppi żvantaġġati (f'reġjun definit jew f'żona mmirata) skont l-età u s-sess<br>b) rata ta' suċċess ta' gruppi żvantaġġati skont l-età u s-sess | Indikatur tal-kuntest | Informazzjoni ta' sfond għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-politika fil-livell tas-sistemi tal-VET<br>Appoġġ għall-aċċess għall-VET għall-gruppi żvantaġġati<br>Appoġġ għall-forniment adattat ta' taħriġ għal gruppi żvantaġġati |
| Numru 9 | | |
| Mekkaniżmi għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tat-taħriġ fis-suq tax-xogħol:<br>a) informazzjoni dwar il-mekkaniżmi stabbiliti biex jidentifikaw il-bidliet fid-domanda fil-livelli differenti<br>b) evidenza tal-użu ta' tali mekkaniżmi u tal-effettività tagħhom | Indikatur tal-kuntest/tal-kontribut (informazzjoni kwalitattiva) | Titjib tar-rispons tal-VET għall-bidliet fid-domanda tas-suq tax-xogħol<br>Appoġġ għall-impjegabbiltà |
| Numru 10 | | |
| Skemi użati għall-promozzjoni ta' aċċess aħjar għall-VET u biex jiggwidaw lill-istudenti (potenzjali) tal-VET:<br>a) informazzjoni dwar skemi eżistenti fil-livelli differenti<br>b) evidenza tal-effettività tagħhom | Indikatur tal-proċess (informazzjoni kwalitattiva) | Promozzjoni tal-aċċess għall-VET, inkluż għal gruppi żvantaġġati<br>Għoti ta' gwida lill-istudenti (potenzjali) tal-VET<br>Appoġġ għall-forniment adattat tat-taħriġ |

([4]) Definizzjoni skont l-ILO: individwi bejn il-15 u l-74 sena mingħajr xogħol u li qed ifittxu impjieg b'mod attiv u li huma lesti biex jibdew jaħdmu.